MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2009

Appell Civili Numru. 4/2008/1

**Avukat Dottor Carmelo Galea**

**vs**

**Silvio Zammit u Registratur tal-Qorti ghal Ghawdex**

**Il-Qorti,**

Fil-31 ta' Lulju, 2008, il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Inferjuri ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> "Il-Qorti,
>
> **Talba ghar-revizjoni ta' taxxa dwar dritt ta' avukat.**
>
> Rat ir-rikors prezentat fit-23 ta' April 2008 mill-avukat Dr. Carmelo Galea li permezz tieghu qieghed jikkontesta t-taxxa li saret mir-Registratur

tal-Qorti fl-4 ta' April 2008 b'riferenza ghall-kawza fl-ismijiet **Silvio Zammit vs Dr. Carmelo Grech** (4/2006AE) deciza fis-6 ta' Marzu 2008 mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri Sezzjoni Generali. Ir-rikorrent jikkontendi li t-taxxa kellha ssir skond il-paragrafi 13 u 14 tat-Tariffa E tal-Iskeda A (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta) u dan in kwantu qieghed isostni li *"..... id-decizjoni ta' punt ta' ligi u ta' fatt involuti fil-kawza ghandhom x'jaqsmu ma' valur determinat jew determinabbli mill-process. Difatti mill-atti tal-kawza jirrizulta illi l-attur kien qieghed jipprova iwaqqaf l-ezekuzzjoni ta' konvenju bil-prezz ta' Lm820,000, u kien qieghed jitlob illi l-immobbli maghruf bhala Villa tat-Torri, Triq Gnien Xibla, Xaghra, Ghawdex oggett ta' dak il-konveju, jinbiegh bl-offerti. Jirrizulta ampjament ghalhekk illi l-kawza kellha x'taqsam ma' valur determinat mill-atti tal-process"*.

Rat ir-risposta prezentata mir-Registratur tal-Qorti fl-10 ta' Gunju 2008 fejn qeghda ssostni li t-taxxa hi korretta, b'dan li f'kaz li tigi milqugha t-talba tar-rikorrenti gahndu japplika l-paragrafu 27 tat-Tariffa E u ghandu jigi rivedut ukoll id-dritt tar-registru. Fi kwalunkwe kaz il-valur tal-immobbli gie dikjarat fil-prezz ta' Lm770,000 u mhux Lm820,000 kif dikjarat fir-rikors.

Rat in-nota prezentata minn Silvio Zammit fl-10 ta' Gunju 2008 fejn qieghed jikkontesta t-talba tar-rikorrent in kwantu *"...l-uniku mertu tal-imsemmija citazzjoni kien biss punt legali u minn imkien ma jirrizultaw ic-cirkostanzi rikjesti mil-ligi sabiex jigi ntaxxat dritt a bazi ta' valur stante li l-kawza ma kienet tirrigwarda ebda kuntratt u/jew valur"*. Silvio Zammit jargumenta li fl-ebda mument ma kien qieghed jimpunja kuntratt ta' bejgh tant hu hekk li dan gie pubblikat fil-mori tal-kawza.

Semghet ix-xhieda tad-Deputat Registratur Anthony Mizzi.

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri.

Rat l-atti tal-kawza fl-ismijiet **Silvio Zammit vs Dr. Carmelo Galea nomine et** (Cit. 4/2006AE) deciza fis-6 ta' Marzu 2008 u l-atti rilevanti li saru quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Volontarja u li ssemmew fl-imsemmija kawza.

Ikkunsidrat:-

1. Skond l-Artikolu 64 tal-Kap. 12:-

**64.** (1) L-ispejjeż ġudizzjarji jiġu ntaxxati u likwidati mir-reġistratur, u t-taxxi magħmulin minnu ma jistgħux jiġu attakkati wara li jagħlaq xahar. Dik l-azzjoni għandha tinbeda b'rikors li għandu jiġi trattat sommarjament mill-qorti. Dan iż-żmien, għal dawk li jitolbu t-taxxa ta' l-ispejjeż, jibda jgħodd mill-ġurnata li fiha tkun ħarġet it-taxxa, u, għad-debitur li jkun regolarment innotifikat bit-taxxa b'att ġudizjarju, mill-ġurnata ta' dik in-notifika.

2. Permezz ta' sentenza moghtija fis-6 ta' Marzu 2008 fil-kawza **Silvio Zammit vs Dr. Carmelo Galea nomine et** (Cit. Nru:- 4/2006AE), il-Qorti laqghet l-ewwel eccezzjoni ta' Dr. Carmelo Galea nomine u *"... ghalhekk tillibera lill-konvenuti mill-osservanza tal-gudizzju. Bl-ispejjez kontra l-istess attur"*. L-ewwel eccezzjoni kienet taqra (fol. 16):-

*"..... Per konsegwenza tas-suespost, f'Silvio Zammit jonqos l-element ta' interess guridiku necesessarju sabiex huwa jkun jista' jitlob ir-revoka tad-digriet tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gurisidizzjoni Volontarja li huwa qieghed effettivament jimpunja, u ghalhekk l-esponenti ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju"*.

F'din il-kawza Silvio Zammit kien qieghed jimpunja digriet moghti mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Volontarja fis-27 ta' Lulju 2005 li awtorizza lil ***"Dr. Francesco Depasquale u Dr. Carmelo Galea bhala ezekuturi tal-mejjet Carmel sive Charles Grech sabiex jersqu ghall-konvenju ghall-bejgh tal-fond Villa tat-Torri, Triq Gnien Xibla, Xaghra, Ghawdex"*** wara rikors prezentat f'dan is-sens fit-30 ta' Mejju 2005[1]. Pero' fl-imsemmi digriet il-Qorti tat l-awtorizazzjoni *"..... previa li l-art in kwistjoni tigi stmata mill-AIC Valerio Schembri."*.

Minn dawk l-atti jirrizulta li:-

(a) Fit-28 ta' Gunju 2005 gie ffirmat konvenju minn Dr. Carmelo Galea u l-avukat Dr. Francesco Depasquale *".....as executors of the late Carmelo sive Charles Grech"* u l-kumpannija Sciluna Enterprises (Gozo) Limited ghall-bejgh tal-fond ghall-prezz ta' tmien mija u ghoxrin elf lira Maltija (Lm820,000). Ftehim li sar *"....subject to due authorisation from the Court of Voluntary Jurisdiction (Gozo) to this effect; and the vedors accordingly bind themselves to proceed with the pending application to this effect as expeditiously as possible"*.

(b) Fit-28 ta' Gunju 2005 Dr. Carmelo Galea u Dr. Francesco Depasquale pprezentaw rikors ulterjuri fejn talbu li l-Qorti *"....tirratifika dan il-konvenju u tawtorizzahom jipprocedu ghall-bejgh tal-fond de quo a bazi tal-istess konvenju."*.

(c) Fid-9 ta' Settembru 2005 il-perit Valerio Schembri pprezenta r-rapport u kkonkluda li ***"....jistma din il-proprjeta hekk kif suggetta ghall-pizijiet u drittijiet elenkati fis-suespost fl-ammont ta' miljun u mitt elf Lira Maltin (Lm1,100,000)."***.

[1] Ara l-atti tar-rikors numru 47/2005 quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Volontarja.

(d) Permezz ta’ digriet finali moghti fis-7 ta’ Marzu 2006 il-Qorti ddikjarat *“Tilqa’ t-talba u tawtorizza lir-rikorrenti jghaddu ghall-iffirmar tal-ftehim propost mar-rikors odjern tat-30 ta’ Mejju 2005.”*.

Fic-citazzjoni Silvio Zammit talab ukoll sabiex il-Qorti tordna li l-bejgh tal-fond issir wara li *“...tinhareg sejha pubblika ghall-offerti fejn l-offerent li gab l-attur jkollu l-opportunita’ li jitfa’ l-offerta ferm superjuri tieghu u b’hekk jingabu l-ahjar kundizzjonijiet ghall-ezekutorija ta’ Charles Grech.”*. Silvio Zammit kien originarjament, flimkien mal-avukat Dr. Carmelo Galea, ezekutur testamentarju tal-eredita’ Carmelo sive Charles Grech. Pero’ b’digriet moghti fis-7 ta’ Mejju 2004[2] gie mnehhi minn din il-kariga.

3. Waqt is-seduta tal-10 ta’ Gunju 2008 ir-rikorrent iddikjara li ma kien isib l-ebda oggezzjoni li t-taxxa tinhadem fuq il-bazi tal-paragrafu 27 tat-Tariffa E minkejja l-fatt li fir-rikors promotur talab li t-taxxa kellha tigi kalkolata skond il-paragrafu 14 abbinat mal-paragrafu 13 tat-tarriffa. Ir-rikorrent isostni li ghandu nteress li jikkontesta t-taxxa in kwantu fuq it-talbiet tal-attur kull ma nghata jedd hu ghal €232.94 (ekwivalenti ghal Lm100) ghal kull talba u dan kien ifissier li l-kawza giet intaxxata skond il-paragrafu 15. Tariffa E tirregola l-hlasijiet tal-avukati, prokuraturi legali u kuraturi *ex officio*. Skond paragrafu 27 tat-Tariffa E:-

> **27.** F’każ ta’ sentenza ta’ ħelsien mill-osservanza tal-ġudizzju, jekk is-sentenza tiġi mogħtija fuq eċċezzjonijiet li jolqtu l-meritu prinċipali tal-kawża, jingħata lill-Avukat id-dritt stabbilit fil-paragrafu 13; f’kull każ ieħor jingħata nofs l-imsemmi dritt.

Hu evidenti li ghal finijiet ta’ tassazzjoni l-ligi *“tiddistingwi sentenzi definitivi fil-meritu, sentenzi liberatorji ab observantia fuq eccezzjoniijet li jolqtu*

[2] Rikors numru 41/2004.

*l-mertu, u sentenzi liberatorji ohrajn, komprizi, kwindi, dawk ta' eccezzjonijiet li ma jolqtux il-mertu. Bhala regola, is-sentenzi defenitivi huma dawk li jiddisponu mill-mertu tal-kawza b'mod li fuq dak il-mertu ma tkunx tista' ssir kawza ohra; invece, is-sentenzi liberatorji ab observantia, ghall finijiet dejjem tat-tassazzjoni, jistghu jkunu l-effett ta' eccezzjonijiet li jmissu l-mertu principali tal-kawza, u jistghu jidderivaw minn eccezzjonijiet li ma jolqtux dak il-mertu."* (**Joseph Mizzi nomine vs Avv. Dr. Giuseppe Vella nomine** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-22 ta' Mejju 1953[3]). F'din l-istess sentenza gie kkonfermat ukoll li *"biex tigi nterpretata sentenza, skond il-gurisprudenza kostanti, mhux bizzejjed li wiehed joqghod ghall-parti dispozittiva, izda jista' jirrikorri anki ghall-motivazzjoni. Il-kliem uzat fid-dispozittiv ghandu jiftiehem mal-lokuzzjoni adoperata fil-motivi."*.

Il-Qorti tistqarr li inizjalment waqt it-trattazzjoni tar-rikors kienet qeghda tifhem li l-paragrafu 27 tat-Tariffa ghandu japplika f'kull kaz fejn ghandek helsien mill-osservanza tal-gudizzju, irrispettivament ta' jekk kawza hijiex taxxabbli *ad valorem* jew le. Pero' wara li kellha l-opportunita' li tikkunsidra fil-profond dak li jipprovdi dan il-paragrafu tqies li ma tistax tasal ghal din il-konkluzjoni. Paragrafu 13 tat-Tariffa "E" qieghed jipprovdi ghal kaz ta' sentenzi defenittivi fejn hemm valur, cjoe' ghal dawk il-kawzi li huma taxxabbli *ad valorem*. Jekk wiehed kellu japplika l-paragrafu 27 ghal **kull sentenza** ta' helsien mill-osservanza tal-gudizzju ikun ifisser li f'kaz ta' sentenza ta' helsien mill-osservanza tal-gudizzju f'kawza li m'hijiex taxxabbli *ad valorem* l-avukat jinghata dritt daqs li kieku l-kawza kienet taxxabbli *ad valorem*. Dan ma jaghmilx sens iktar u iktar f'kawzi fejn ma jezisti l-ebda valur. Ghalhekk paragrafu 27 ma jistax jigi applikat b'mod litterali, imma **japplika biss** ghal dawk is-sentenzi li

[3] Volum XXXVII.ii.710.

ghandhom jigu ntaxxati skond paragrafu numru 14, cjoe' *"meta dikjarazzjoni li jkun fiha decizjoni ta' xi punt ta' ligi jew ta' fatt, ikollha x'taqsam ma' valur determinat jew determinabbli skond il-ligi jew mill-process."*.

Fl-eventwalita' li l-Qorti tiddecidi li t-taxxa kellha ssir *ad valorem* allura fil-kaz taghna t-tassazzjoni kellha ssir skond paragrafu 27 peress li s-sentenza lliberat lill-konvenuti mill-osservanza tal-gudizzju. Jekk kellu jigi applikat paragrafu 27 m'hemmx dubju li s-sentenza li nghatat fil-kawza **Silvio Zammit vs Dr. Carmelo Galea nomine et** (Cit. Nru:- 4/2006AE) fis-6 ta' Marzu 2008 hi liberatorja *ab observantia* fuq eccezzjoni li ma tolqotx il-mertu tal-kawza in kwantu l-Qorti ma dahlitx fil-mertu u wisq inqas ma ddisponiet minnu b'xi mod.

4. Il-pern tal-kwistjoni kollha hi jekk it-tassazzjoni li qeghda tigi kontestata kellix tkun *ad valorem* jew bhala semplici punt ta' ligi jew ta' fatt skond il-paragrafu 15 ta' Tariffa E. Id-Deputat Registratur Anthony Mizzi spjega[4] kif it-talbiet tac-citazzjoni gew intaxxati bhala dikjarazzjoni li ghalih japplika paragrafu 15. Spjega wkoll li *"..... min-naha taghna meta gejna biex naghmlu t-tassazzjoni ta' din il-kawza ahna qaghdna fuq dak illi tghid ic-citazzjoni u dak illi tghid in-nota ta' l-eccezzjonijiet."*. Il-principju generali hu li t-tassazzjoni hi regolata mid-domanda u *"mhux fuq l-interess effettiv, kif isejjahlu l-attur, cjoe' apparentement, l-interess pekunjarju jew patrimonjali tieghu fl-ezitu finali taghha. Xi drabi jista' jigri illi l-azzjoni, cjoe' t-talba, tkun ristretta ghal interess izghar minn dak li fuqu d-decizjoni tkun tinfluwixxi....* ***drabi ohra l-interess li jintitola l-attur jagixxi jista' anqas ikun pekunjarju jew patrimonjali, jew valutabbli fi flus.****"* (**Avukat Dr. Spiridione Camilleri et vs**

[4] Seduta tal-10 ta' Gunju 2008.

**Avukat Dr. Edgar Buhagiar noe et** deciza fil-21 ta' Novembru 1961 mill-Qorti ta' l-Appell[5]).

Hu evidenti li l-oggett tal-kawza kien li l-Qorti tirrevoka d-digriet moghti fis-27 ta' Lulju 2005 mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Volontarja sabiex il-proprjeta' in kwistjoni terga' tigi offruta ghall-bejgh billi ssir sejha pubblika.

Tradizjonalment jidher li l-ideja prevalenti kienet li t-tassazzjoni ssir *ad valorem* fejn l-oggett principali tal-kawza jkun il-passagg ta' :-

(a) proprjeta' (ara per ezempju sentenza tal-Qorti ta' l-Appell fil-kawza **Avv. Dr. Giuseppe Maria Camilleri et vs Avv. Dr. Giuseppe Vella nomine** tal-15 ta' Marzu 1948[6]); u
(b) flus (ara per ezempju sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **Avv. Dr. Giuseppe Pace et vs Avv. Dr. Giuseppe Vella nomine et** deciza fl-1 t'a Ottubru 1948[7]).
Ara wkoll **AvukatDr. Spiridione Camilleri et vs Avukat Dr. Edgar Buhagiar nomine et** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-20 ta' Gunju 1963 (Vol. XLVII.ii.810).

F'proceduri ta' din ix-xorta, *"....l-kompitu ta' dina l-Qorti huwa li tara x'timporta per se t-talba attrici fil-kawza li taghha saret it-taxxa kontestata;*

*Illi, kif kellha okkazjoni tghid dina l-Qorti, f'kawzi simili t-tassazzjoni ghandha tigi regolata mid-domanda jew talba; liema principju jista' jigi kwalifikat mill-massima l-ohra li tghid li, meta mill-massa litigjuza jkun jidher x'kien il-valur in kontestazzjoni, it-taxxa ghandha tigi fuqu regolata, cjoe ghandu jigi studjat u ezaminat x'ikun l-oggett taghha.* ***Minn dana jitnissel li l-ezami ghandu jirraggira ruhu <u>dwar il-kumpless ta' dak li jkun</u>***

[5] Vol. XLIV.i.243.
[6] Vol. XXXIII.i.235.
[7] Vol. XXXIII.ii.311.

***<u>in kontestazzjoni, jew tal-Quod disputatum est</u>, li jista' jigi ragonevolment indott jew determinat minn dak li jkun jirrizulta waqt id-dibattitu u l-istess trattazzjoni tal-process***; *u ghal dana l-fini jistghu u ghandhom iservu tant id-dikjarazzjonijiet orali, u 'multo magis' l-iskritturi mdahhla fil-proceduri bil-miktub, indipendentement mill-fatt jekk it-talbiet li jkunu gew proposti ghall-ezami u decizjoni tal-Qrati jigux imbaghad finalment milqugha jew michuda..."* (**Carmelo Axiak vs Avukat Dr. Giuseppe Vella nomine et** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fid-9 ta' Frar 1951 – Vol. XXXV.ii.361)[8].

Fl-ewwel l-lok fir-rigward tat-tieni talba l-Qorti m'ghandix dubju li tikkwalifika bhala *"...dikjarazzjoni ohra mehtiega li jkun fiha d-decizjoni ta' xi punt ta' ligi jew ta' fatt."*. F'din it-talba l-attur kien sempliciment qieghed jitlob sabiex il-Qorti tordna li l-bejgh tal-proprjeta' jsir permezz ta' sejha pubblika. Dikjarazzjoni simili m'ghandha x'taqsam ma' l-ebda valur kemm jekk determinat jew determinabbli u hi biss konsegwenzjali ghall-ewwel talba.

Permezz tal-ewwel talba Silvio Zammit talab ir-revoka tad-digriet moghti fis-27 ta' Lulju 2005, u dan ghal zewg ragunijiet:-

(a) Ulied id-decujus (Carrie-Anne u Trudy ahwa Grech) ma setghux jaghtu l-kunsens taghhom ghat-trasferiment ta' proprjeta' in kwantu skond it-termini ta' Artikolu Hamsa tat-testment ta' Charles Grech li sar fl-atti tan-Nutar Paul George Pisani fil-31 ta' Dicembru 1999 gew mahtura bhala eredi *"....taht il-kondizzjoni sospensiva li l-eredi nominati jilhqu l-eta' ta' hamsa u erbghin (45) sena."*, u li f'dak iz-zmien kien ghad ma kellhomx dik l-eta'; u

[8] F'dan is-sens ukoll hi s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **Avv. Dr. Giuseppe Pace et vs Avv. Dr. Giuseppe Vella nomine et** deciza fl-1 ta' Ottubru 1948 (Vol. XXXIII.ii.311).

(b) Id-digriet moghti mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Volontarja *“....inghata fuq premessi zbaljati u* ***mhux fl-ahjar interess tal-ezekutorija*** *u l-istess eredi ta’ Charles Grech.”*. Fic-citazzjoni Silvio Zammit ippremetta li ***“....l-attur kellu offerta ferm superjuri ghal dik li kienet saret.....”***. Bl-istess mod fid-dikjarazzjoni guramentata Silvio Zammit rega’ kkonferma li *“....l-attur kellu offerta ferm superjuri ghal dik li kienet saret huwa informa b’dan lill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Volontarja permezz ta’ rikors ipprezentat fil-hamsa (5) t’Awissu tas-sena elfejn u hamsa (2005).”* (fol. 5).

Minn qari ta’ l-atti tal-kawza hu evidenti li fil-proceduri gudizzjarji fuq imsemmija Silvio Zammit kien qieghed jikkontesta d-digriet moghti mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Volontarja in kwantu fost’affarijiet ohra kien qieghed isostni li kien hemm offerti ghall-prezz ta’ iktar minn tmien mija u ghoxrin elf lira Maltija (Lm820,000) u li l-iskop ahhari tal-kawza kien li din il-proprjeta’ terga’ tigi offruta ghall-bejgh permezz ta’ offerta pubblika. Fl-affidavit li ghamel Silvio Zammit[9] qal: *“ghaldaqstant, fl-ahjar interess tal-esekutorija u l-eredi ta’ Charles Grech qighed nitlob ir-revoka tad-digriet li jawtorizza il-bejgh tal-villa tat-Torri, Gnien Xibla, Xaghra, lil Scicluna Enterprises (Gozo) Ltd u* ***b’hekk taghmilha possibbli ghall-persuni li lest ihallas mitejn elf lira (Lm200,000) aktar ghal din il-proprjeta’ li jixtruha.****”* (enfazi tal-Qorti - fol. 22).

Il-Qorti tistqarr li hasbet fit-tul dwar dan il-kaz u hi tal-fehma li ma tistax tasal ghal decizjoni differenti minn dik li biha tiddikjara li Silvo Zammit ried lill-Qorti sabiex taghmel paragun bejn l-prezz li ghalih l-ezekuturi riedu li tinbiegh l-proprjeta’ u l-prezz li kienu qeghdin joffru terzi, in kwantu kien qieghed isostni li l-offerta li sab kienet iktar favorevoli. Il-

[9] Fol. 21 – ara citaz. numru 4/2006.

Qorti m’ghandix dubju li wara l-ewwel talba kien hemm ukoll kontestazzjoni dwar liema offerta kienet l-ahjar wahda. Ghal Silvio Zammit id-digriet moghti kellu jigi revokat ghaliex il-Qorti ma kenitx awtorizzat il-bejgh lill-ahjar offerent. Sabiex tigi deciza l-ewwel talba ta’ Silvio Zammit, hu evidenti li kien qieghed jitlob li l-Qorti tezamina u taghti decizjoni fuq l-offerti mill-lenti tal-valur. Paragrafu 14 ta’ Tariffa “E” tipprovdi:-

***“Meta dikjarazzjoni li jkun fiha decizjoni ta’ xi punt ta’ ligi jew ta’ fatt ikollha x’taqsam[10] ma’ valur determinat jew determinabbli skond il-ligi jew mill-process, id-dritt relattivament ghal dik id-decizjoni jkun intaxxat skond il-paragrafu 13, fuq il-valur hekk stabbilit.”***.

L-ezercizzju li Silvio Zammit kien qieghed jitlob li taghmel il-Qorti kien ser jinvolvi decizjoni ta’ punt ta’ fatt li ghandu x’jaqsam ma’ valur determinat, cjoe’ l-valur tal-proprjeta’. Fil-kuntest tat-talba li ghamel l-attur kellha tiddecidi dwar liema offerta kienet l-ahjar wahda ghall-bejgh tal-proprjeta,’ ghalkemm il-Qorti tapprezza li dan ser iwassal biex id-dritt ikun hafna iktar minn dak li gie stabbilit fit-taxxa mahruga mir-Registratur tal-Qorti. Il-kwistjoni dwar il-valur tal-proprjeta’ hi intrinsika fl-ewwel talba.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti tichad l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-intimata Registratur tal-Qorti ghal Ghawdex u l-oggezzjoni ta’ Silvio Zammit, u tilqa’ t-talba tar-rikorrent fis-sens li tordna lir-Registratur tal-Qorti ghal Ghawdex sabiex tirrevedi t-taxxa ghal dak li jittratta d-dritt tar-rikorrenti b’applikazzjoni tal-paragrafi 13,14 u 27 tat-Tariffa “E” tal-Kap. 12 fuq il-valur dikjarat fil-konvenju approvat mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Volontarja.

---

[10] It-test Ingliz *“concerns”*.

> Spejjez a karigu tar-Registratur tal-Qorti ghal Ghawdex, b'dan li Silvio Zammit ghandu jaghmel tajjeb ghall-ispejjez tieghu."

Minn din id-decizjoni appella l-intimat Silvio Zammit bl-aggravji f'dawn it-termini:-

(1) In linea preliminari, l-inkompetenza tal-Qorti adita biex tikkonsidra t-talba ta' ritassa;

(2) Fil-mertu, it-talbiet li fuqhom saret it-tassazzjoni tal-kawza deciza fis-6 ta' Marzu, 2008 (Avviz Numru 4/2006 AE) ma kellhomx x'jaqsmu xejn ma' valur determinat jew indeterminat. Skond l-appellanti l-kwestjoni li kellha quddiema l-ewwel Qorti f'dik l-istanza kien biss jekk il-bejgh kellux isir mal-persuna indikata fil-konvenju jew invece ma' terzi wara sejha pubblika. Barra minn dan dak li gie deciz kien in-nuqqas ta' interess guridiku kif eccepit u allura wkoll il-valur ma kienx fih innifsu l-mertu ta' dik il-procedura;

Ghal dan l-appell ir-rikorrenti fil-kawza wiegeb billi, preliminarjament, issolleva l-kwestjoni ta' l-appellabilita` trattasi ta' digriet moghti mill-ewwel Qorti. F'dan l-istess kuntest l-appellat qajjem ukoll il-punt ta' l-irritwalita` ta' l-appell una volta jkun determinat illi l-appell ma sarx konformi ghal ligi procedurali;

Huwa certament fl-ordni logiku illi din il-Qorti tghaddi biex tinvesti l-ewwelnett din l-eccezzjoni ta' l-appellat ghaliex, kif ritenut, "l-eccezzjoni ta' l-irritwalita` ta' l-istanza, li tammonta ghan-nullita` ta' l-istanza, mhux biss hija kwestjoni essenzjalment preliminari bhal ma hija dik ta' l-inkompetenza, imma anke tirbah lil dik ta' l-inkompetenza. Ghax jekk hi nulla l-istanza, allura t-tribunal, ghandu jew m'ghandux gurisdizzjoni, ma jistax jiehu konjizzjoni tal-kawza, stante li ma jkunx debitament investit biha, u lanqas jista' jiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjoni ta' l-inkompetenza" ("**Joseph Galea *et* -vs- Nutar Dottor Antonio Galea**", Appell Civili, 27 ta' Gunju, 1955);

Ghas-sostenn ta’ l-eccezzjoni minnu mqanqla l-appellat jiehu spunt minn dak li jinghad fis-subinciz (3) ta’ l-Artikolu 64 tal-Kapitolu 12 ossija li “l-proceduri bil-miktub ... ghandhom jitqiesu maghluqin meta ssir ir-risposta ghaliha”. L-interpretazzjoni devoluta mill-appellat fir-rigward ta’ dan is-subinciz ma hijiex guridikament sostenibbli u xejn ma jista’ jigi dedott mis-subinciz illi b’daqshekk il-ligi ma riedetx takkorda dritt ta’ appell. Incidentalment, fejn il-ligi tipprovdi ghal kaz fejn ma jistax jsir appell, dan tghidu espressament. Ara, ad ezempju, Artikolu 228, Kapitolu 12. Il-kaz prezenti mhux wiehed minnhom. Imbaghad, dak id-dispost [Artikolu 64 (3)] ifisser biss illi b’abbinament mar-rikors ghar-ritassa taht is-subinciz (1) ta’ l-istess Artikolu 64 jitqiesu maghluqa jew mar-risposta jew mal-gheluq taz-zmien moghti ghaliha. Dan limitatament ghal finijiet ta’ l-istanza promossa ghal dik ir-raguni. F’dan assolutament ma hemm xejn gdid ghax similment hu provvdut ad ezempju fl-Artikolu 158 (12) ta’ l-istess Kapitolu fil-procediment b’rikors guramentat jew, anterjorment ghall-emendi, bic-citazzjoni;

L-appellat jissolleva wkoll fil-kuntest ta’ l-eccezzjoni tieghu illi d-decizjoni ta’ l-ewwel Qorti ma tistax titqies bhala “sentenza” izda bhala digriet u, konsegwentement id-disposizzjonijiet tal-Kodici ritwali dwar ir-regolamentazzjoni ta’ appelli minn sentenzi ma japplikawx u ma jghoddux. Huwa manifest li l-orjentament gurisprudenzjali ma jissufragax din it-tezi;

Jinghad fis-sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell sede Civili tas-27 ta’ Ottubru, 1920 in re: “**Maria vedova di Paolo Pace Asciak -vs- Vincenzo Caruana**”, illi “*è notorio che la distinzione tra sentenza definitiva e decreto interlocutorio non è semplice questione di parole, dacche importa bene distinguere i vari ordini di pronunciamenti giudiziari, non solo in relazione all’appello o agli altri mezzi di impugnazione, ma anche per se stessi siccome il loro contenuto misura l’ezercizio della gurisdizione e*

*determina la loro efficacia e forza in futuri giudizi nell'identico soggetto in riguardo all'ammissibilita` o meno della eccezione di cosa giudicata. Poichè mentre la sentenza definitiva fa cessare la giurisdizione del tribunale che l'avesse pronunziata, i decreti interlocutori per legge espressa non formano giudicato per la Corte che li avesse pronunziati, quando le si dimostrasse una giusta causa per dipartirsene.*" Kemm din l-istess sentenza, kif ukoll dik l-ohra posterjuri ta' l-istess Qorti tad-9 ta' Novembru, 1931 fl-ismijiet "**Luigi Gerolamo Bonnici *nomine* -vs- Onor. Joseph Huber *nomine***", enuncjaw illi "*il proprio e vero carattere distintivo della sentenza definitiva è quello per cui viene definito una quistione riguardante l'azione, il merito e la procedura, talmente che nessuna altra sentenza sulla quistione definita puo essere profferita dallo stesso tribunale dopo che si fosse pronunciato su tale quistione*";

Ghall-kompletezza jista' jinghad fi kliem sentenza ohra ta' l-istess Qorti ta' l-Appell, intermedjanti bejn dawk diga` citati, illi "*una sentenza è definitiva quando 'terminat negotium de quo agitur', ed e interlocutoria 'quando non terminat negotium principale et aliam post se expectat sententiam'. Che sempre in dottrina, le sentenze 'definitive' sono di due speci: quelle cioe` che statuiscono definitivamente sul merito delle domande proposte in giudizio e quelle che, giusta la espressione comunemente usata, assolvano il convenuto dall'osservanza del giudizio*" ("**Parroco Don Alfonso Tabone -vs- Chierico Salvatore Borg Olivier**", 29 ta' April 1925. Ara wkoll b'abracc ta' dan it-taghlim id-decizjoni ta' l-Appell Kummercjali tal-25 ta' Marzu, 1991 fl-ismijiet "**Frank Sammut *et nomine* -vs- Michael Fenech *et***");

Jinzel minn dawn l-enuncjazzjonijiet kollha b'applikabilita` ghal kaz prezenti ili l-provvediment moghti mill-Qorti ta' l-ewwel grad ma jistax ma jirrivestix il-forma ta' sentenza vera u propria in kwantu permezz taghha dik il-Qorti ddeterminat b'mod definittiv it-talba ta' l-appellat ghar-ritassazzjoni tal-kawza. Fiz-zgur ma kienx minn natura ta'

semplici digriet interlokutorju li kien jinfluwixxi fuq l-andament tal-proceduri bhal ma huma dawk a norma ta' l-Artikolu 229 tal-Kapitolu 12 izda sentenza f'kull sens li ddeterminat u tterminat il-kwestjoni guridika u li minnha l-Qorti li ppronunzjata ma setghetx tindetreggja lura. L-eccezzjoni preliminari ta' l-appellat qeghda ghaldaqstant tigi respinta;

Fir-rigward ta' l-ewwel aggravju ta' l-appellanti din il-Qorti tibda biex taghmel din l-osservazzjoni. La minn xi eccezzjoni formali tieghu u lanqas minn xi deduzzjoni tieghu ma jirrizulta li qatt qamet il-kwestjoni tal-kompetenza ta' l-ewwel Qorti li dwarha issa qed jillanja l-appellant, tant ukoll li dik l-istess Qorti ma okkupatx ruhha minn kwestjoni bhal din fid-decizjoni taghha. La dan huwa hekk il-kaz, l-appellanti ma jistax issa f'dan l-istadju jissolleva bhala xi *ius novarum* din l-eccezzjoni gdida tieghu u, allura, din lanqas ma tista' tigi ezaminata. Huwa, imbaghad, komplimentari ghal dan li nghad konsiderazzjoni ohra li trid issir. Hu provvdut mill-proviso ta' l-Artikolu 774 tal-Kapitolu 12 illi l-eccezzjoni ta' l-inkompetenza ma tistax tinghata, u lanqas tista' tigi mill-qorti dikjarata *ex officio*, fil-grad ta' appell. Ara "**Francis Xavier Farrugia *et* -vs- Kevin Bugeja *et***", Appell Inferjuri, 22 ta' Ottubru 1999. Jinghad, imbaghad, a propozitu illi "apparti jekk il-Qorti Inferjuri kellhiex jew le tiddikjara ruhha inkompetenti *ex officio*, jibqa' l-fatt li dik id-dikjarazzjoni l-Qorti Inferjuri ma ghamlithiex u allura dik id-dikjarazzjoni ma tistax issir mill-Qorti ta' l-Appell" ("**Carmelo Mifsud -vs- Giuseppe Vella**", Appell Inferjuri, 30 ta' Lulju, 1955);

Indipendentement minn dan rifless, lanqas ma jidher imbaghad li l-appellanti ghandu ragun fil-mertu ta' l-aggravju sottopost. Kif osservat, jekk il-kreditu ta' Avukat jirrientra fil-kompetenza ta' Qorti Inferjuri, it-taxxa li minnha jirrizulta dak il-kreditu hija ezegwibbli mill-Qorti Inferjuri u mhux minn xi qorti ohra. "Hu bizzejjed notorju li dik it-tassazzjoni mhix att tal-Qorti, imma hi att tar-Registratur ... lill-Qorti jappartjeni biss il-konjizzjoni tal-

kontroversji relattivi ghat-taxxi maghmula mir-Registratur, meta tigi mpunjata l-attendibilita` jew il-korrettezza taghhom minn min ikollu interess.” Ara “**Lewis Borg -vs- Avv. Dr. Giuseppe V. Salomone**”, Prim’ Awla, Qorti Civili, 23 ta’ Frar, 1960. Ara wkoll ghal dak li jiswa s-sentenza tal- Qorti ta’ l-Appell tat-28 ta’ Jannar, 1920 fl-ismijiet “**Giovanni Galea -vs- Concetta Galea**”. Incidentalment tant it-tassazzjoni hu att tar-Registratur li jinghad li “il-likwidazzjoni tad-drittijiet gudizzjarji u anke l-hrug tat-taxxa kien att amministrattiv, anke jekk kwazi gudizzjarju”. Ara “**Aldo Laferla *et* -vs- Francis Scicluna *et***”, Appell, 29 ta’ Mejju, 1998;

B’introduzzjoni ghat-tieni motiv ta’ aggravju jibda biex jinghad b’ripetizzjoni in bazi ghall-gurisprudenza affermata illi “t-tassazzjoni ta’ kawza ghandha tigi regolata mit-talba kontenuta fl-att tac-citazzjoni, mhux fis-sens limitat ghas-semplici inkartament, izda fis-sens ta’ l-oggett taghha; u f’dan is-sens il-kumpless ta’ dak li huwa in kontestazzjoni, jew dak li huwa in disputa (*quod disputatum est*) jista’ jigi ragonevolment indott jew determinat minn dak li jkun jirrizulta waqt id-dibattitu u t-trattazzjoni ta’ l-istess kawza, imma mhux minn dak li lilha jkun irid jigi attribwit, indipendentement mill-fatt jekk it-talbiet li jigu proposti jkunux akkolti jew michuda” (“**Avv. Dr. Giuseppe Pace *et* -vs- Avv. Dr. Giuseppe Vella *nomine et***”, Prim’ Awla, Qorti Civili, 1 ta’ Ottubru, 1948). Ugwalment, gie ritenut illi “meta l-massa litiguza jkun jidher x’kien il-valur in kontestazzjoni, it-tassazzjoni ghandha tigi regolata fuqu; jigifieri ghandu jigi studjat u ezaminat x’ikun l-oggett tat-talba; u allura t-tassazzjoni ssir *ad valorem ...*” (“**Carmelo Axiak -vs- Avv. Dr. Giuseppe Vella *nomine et***”, Prim’ Awla, Qorti Civili, 9 ta’ Frar, 1951). Dejjem fl-istess sens id-decizjoni fl-ismijiet “**Leslie Grech *nomine* -vs- Frank Abela *et***”, Prim’ Awla, Qorti Civili, 25 ta’ Jannar, 2002 u “**Loris Bianchi *et* -vs- Dottor Victor Borg Costanzi *nomine***”, Appell Civili, 17 ta’ April, 1978;

Premess dan, bi twegiba generali ghas-sottomissjonijiet maghmula mill-appellanti taht dan il-kap ta' aggravju l-Qorti taghmel dawn il-konsiderazzjonijiet:-

1. Jidher mill-kontenut ta' l-appell b'dan il-motiv ta' aggravju illi l-pern tal-kontestazzjoni ta' l-appellanti hi bazata fuq l-assunt illi t-talbiet fil-kawza definita bis-sentenza ta' l-ewwel Qorti tas-6 ta' Marzu 2008 ma kienu jikkontjenu ebda valur determinat jew indeterminat imma semplici dikjarazzjonijiet jekk il-bejgh ta' l-immobbli kellux jithalla jsir bil-prezz stabbilit fil-konvenju. Il-qaghda ma kienetx daqstant semplicistika kif ipingiha l-appellanti ghaliex, kif wisq korrettement osservat mill-ewwel Qorti fis-sentenza issa appellata, b'wahda mit-talbiet tieghu fil-kawza l-ohra deciza, l-apellanti ried li l-Qorti tasal ghal gudizzju taghha wara li taghmel paragun bejn il-prezz konvenut fl-att tal-konvenju u l-offerta aktar favorevoli ricevuta minnu. L-ewwel Qorti sewwa rragunat illi l-ezercizzju kien jimplika li jigi ezaminat u deciz bhala punt ta' fatt, dwar liema fost l-offerti kienet aktar vantaggjuza;

2. Rigwardata taht dan il-profil, il-qaghda tirrientra sewwa fil-qafas tal-paragrafu 14 tat-Tariffa E ghal dawk li huma drittijiet ta' Avukati in kwantu d-dikjarazzjoni mitluba kellha konnessjoni "<u>ma' valur determinat jew determinabbli skond il-ligi jew mill-process</u>";

3. Tajjeb li jigi hawn imfakkar illi, kif drabi ohra deciz, "il-principju enuncjat in linea ta' massima, illi t-tassazzjoni tad-drittijiet gudizzjarji tigi regolata mid-domanda, jew mis-sentenza meta fid-domanda s-somma ma hix determinata, ma hux inflessibbli, imma ghandu jigi ragonevolment kwalifikat, kif gie mill-gurisprudenza kwalifikat, bil-principju l-iehor illi meta minn dak li tissejjah "*il complesso del tema contenzioso*", ossija "*massa litigiosa*" ikun jidher x'inhu l-valur tal-pretensjoni ta' l-attur, allura t-tassazzjoni ssir fuq il-valur, avolja d-domanda tkun ghal somma li ghandha tigi likwidata". Ara "**Gustavo Micallef *et* -vs- Eleonora Micallef *et***", Prim' Awla, Qorti Civili, 24 ta' Lulju, 1946;

4. Tesula minn din l-ekwazzjoni il-konsiderazzjoni illi l-konvenut fil-kawza l-ohra gie liberat *ab observantia* bl-akkoljiment ta' l-eccezzjoni tal-karenza ta' l-interess in kwantu din il-konsiderazzjoni ghandha l-impronta taghha fit-tassazzjoni *se mai* skond dak prevvist fil-para. 27 tat-Tariffa, u mhux ukoll biex teskludi li t-talba, rivolta bil-mod kif imfisser mill-ewwel Qorti, tigi ntaxxata *ad valorem*, kif hekk suppost ghandu jkun in virtu tal-para. 14 kombinat mal-para. 13 ta' l-istess Tariffa E;

5. Inghad fis-sentenza "**Sac. Don Francesco Saverio Mifsud *nomine* -vs- Leone Benjacar, Registratore delle Corti Superiori *et***", Appell Civili, 5 ta' Mejju, 1913, "*sebbene regola nella tassazione del diritto di Registro e dei diritti di difensori, si debba aver riguardo alla domanda, o, quando questa è illiquida, all'ottenuto con la sentenza canonizzante il credito od il diritto, pure, nei casi in cui l'eccezione dedotta dal convenuto fa sorgere una quistione sull'esistenza del diritto dall'attore o sulla proprieta` tali onorari si tassano sul valore, sebbene ove il diritto o la proprieta` non sono contestati o sia dovuto un onorario per la definizione di un articolo di diritto o di fatto*";

6. In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet kollha anke dan l-aggravju qed jitqies insostenibbli.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed tiddeciedi billi fl-ewwel lok tichad l-eccezzjoni preliminari ta' l-appellat dwar l-irritwalita` u nullita` ta' l-appell, bl-ispejjez a karigu tieghu. Tichad ukoll l-ewwel aggravju relattiv ghall-inkompetenza ta' l-ewwel Qorti u hekk ukoll, ghal konsiderazzjonijiet kollha suesposti u dawk l-ohra ta' l-ewwel Qorti, tirrispingi t-tieni motiv ta' aggravju, bl-ispejjez taz-zewg aggravji jitbatew mill-appellanti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------